

tal-21 ta' Marzu 1972, li jistipula l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 (ĠU L 74, p. 1) — Pensjoni tax-xjuħija li tingħata kmieni minħabba ċertu tul ta' kontribuzzjoni — Metodu ta' kalkolu tal-benefiċċji — Żieda tal-perijodi ta' kontribuzzjoni mwettqa fi Stat Membru ieħor flimkien ma' dawk imwettqa fl-Istat Membru kkonċernat qabel jew wara ż-żieda tal-perijodi addizzjonali, prevista mil-liġi nazzjonali li tammonta għal terz tal-perijodi ta' kontribuzzjoni.

### Dispożittiv

L-Artikolu 45(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu għewwa l-Komunità, fil-verżjoni emendata u aġġornata tiegħu bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1992/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006, għandu jiġi interpretat fis-sens li, fid-determinazzjoni tal-perijodu ta' assigurazzjoni minimu meħtieġ mid-dritt nazzjonali għall-finijiet tal-kisba tad-dritt għal pensjoni ta' ritirar minn ħaddiem migrant, l-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tieħu inkunsiderazzjoni, sabiex tiddetermina l-limitu li ma jistax jinqabeż mill-perijodi mhux kontributorji meta mqabbla mal-perijodi kontributorji, kif previst mil-leġiżlazzjoni ta' dak l-Istat Membru, il-perijodi ta' assigurazzjoni kollha mwettqa matul il-karriera professjonali tal-ħaddiem migrant, inklużi dawk imwettqa fi Stati Membri oħra.

(<sup>1</sup>) ĠU C 37, 13.02.2010.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-10 ta' Marzu 2011 (talbiet għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesfinanzhof — il-Ġermanja) — Finanzamt Burgdorf (C-497/09), CinemaxX Entertainment GmbH & Co. KG, li kienet Hans-Joachim Flebbe Filmtheater GmbH & Co. KG (C-499/09), Lothar Lohmeyer (C-501/09), Fleischerei Nier GmbH & Co. KG (C-502/09) vs Manfred Bog (C-497/09), Finanzamt Hamburg-Barmbek-Uhlenhorst (C-499/09), Finanzamt Minden (C-501/09), Finanzamt Detmold (C-502/09)**

(Kawżi magħquda C-497/09, C-499/09, C-501/09, C-502/09) (<sup>1</sup>)

(Tassazzjoni — VAT — Sitt Direttiva 77/388/KEE — Artikoli 5 u 6 — Klassifikazzjoni ta' attività kummerċjali bħala "provvista ta" oġġetti" jew "provvista ta' servizzi" — Forniment ta' ikliet jew ta' ikel lesti għall-konsum immedjat fi stands jew f'vetturi li joffru l-ikel — Forniment, f'ċinema, ta' pop-corn u ta' chips "tortilla" ("nachos") għall-konsum immedjat — Fornitur tal-ikel li jikkunsinna fid-djar — Kategorija 1 tal-Anness H — Interpretazzjoni tat-termini "affarijiet ta' l-ikel")

(2011/C 130/10)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Qorti tar-rinviju

Bundesfinanzhof

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Finanzamt Burgdorf (C-497/09), CinemaxX Entertainment GmbH & Co. KG, li kienet Hans-Joachim Flebbe Filmtheater GmbH & Co. KG (C-499/09), Lothar Lohmeyer (C-501/09), Fleischerei Nier GmbH & Co. KG (C-502/09)

Konvenuti: Manfred Bog (C-497/09), Finanzamt Hamburg-Barmbek-Uhlenhorst (C-499/09), Finanzamt Minden (C-501/09), Finanzamt Detmold (C-502/09)

### Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Bundesfinanzhof — Interpretazzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 77/388/KEE: Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23), kif ukoll tat-terminu "affarijiet ta' l-ikel" li jinsab fl-Anness H tal-imsemmija direttiva — Assimilazzjoni ta' attività kummerċjali speċifika għal "provvista ta' oġġetti" jew għal "provvista ta' servizzi" — Bejgħ ta' ikliet (zalzett, chips, eċċ) għal konsum immedjat, minn vann

### Dispożittiv

(1) L-Artikoli 5 u 6 tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri dwar it-taxxi fuq il-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 92/111/KEE tal-14 ta' Diċembru 1992, għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

— il-provvista ta' platti jew ta' ikel riċentement ippreparati lesti għall-konsum immedjat fi stands jew vetturi li joffru l-ikel jew f'intrajiet taċ-ċinema tikkostitwixxi provvista ta' oġġetti fis-sens tal-imsemmi Artikolu 5 meta eżami kwalitattiv tat-tranżazzjoni kollha jiżvela li l-elementi tal-provvista ta' servizz li jippreċedu u jakkumpanjaw il-provvista tal-ikel ma jkunux predominanti;

— ħliet fil-każ fejn fornitur tal-ikel li jikkunsinna fid-djar jintrabat li jforni platti standardizzati mingħajr ebda element ieħor ta' provvista ta' servizzi addizzjonali jew meta ċirkustanzi partikolari oħra juru li l-provvista tal-platti tirrappreżenta l-element predominanti tat-tranżazzjoni, l-attivitàjiet ta' fornitur tal-ikel li jikkunsinna fid-djar jikkostitwixxu provvista ta' servizzi fis-sens tal-imsemmi Artikolu 6.

(2) Fil-każ ta' provvisti ta' oġġetti, il-kunċett ta' "affarijiet ta' l-ikel" li jinsab fil-Kategorija 1 tal-Anness H tas-Sitt Direttiva 77/388, kif emendata bid-Direttiva 92/111 għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jkopri wkoll il-platti u l-ikliet li għew imsajra, mixwija, moqlija jew ippreparati b'mod ieħor bil-ħsieb li jiġu kkonsumati immedjatament.

(<sup>1</sup>) ĠU C 63, 13.03.2010.